KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 25_20/11/07/V**

# MINUTI TAL-ĦAMSA U GĦOXRIN SEDUTA

**Il-ħamsa u għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **it-Tlieta 20 ta' Novembru 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |
| **Assenti:** | **Martin Debono** |

Is-seduta bdiet fil-4.45pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 23_17/10/07 u 24 Ad hoc 2/11/07**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 23_17/10/2007 u 24 Ad Hoc 2_11_07

Il-minuti taż-żewġ seduti ġew ikkunsidrati bħala moqrija u ġew proposti mill-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis u ssekondati mill-kunsillier N. Dimech u approvati bi qbil unanimu.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-kunsillier J. Galea reġa fakkar dwar l-*iskateboarding area*, fejn is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għadna qegħdin nistennew risposta għaliex min kien qiegħed jieħu ħsieb il-proġett ħareġ fuq il-*leave* għal żmien twil. Il-kunsillier J. Galea qal li fil-każ li nibqgħu bla risposta, l-*area* ta' fejn il-*playing field* li hemm vojta ma' tistax tibqa hekk, u staqsa nistgħux nitolbu l-*Playing Fields Association* għal estensjoni tal-*playing fields* għal tfal żgħar. F'dak il-każ għandu jkun hemm hekk aktar sigurta' bħal *fencing*, tapiti eċċ.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Il-kunsillier N. Dimech ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur li qiegħed jaħdem fi Triq San Neriku mhux qiegħed jagħmel tabelli neċesserji meta jagħlaq it-triq, u wieħed ikollu jdur kontra l-*one way*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien diġa ġie mgħarraf il-kuntrattur. Il-kunsill qabel li għandu jwaqqaf il-permessi għal darbtejn sabiex jagħraf jimxi mar-regolamenti.

*Daħal il-kunsillier M. Briguglio fil-5.05pm*

3.2 Is-Sindku M. Arrigo ressqet suġġeriment li ssir *zebra crossing* f'Dingli Circus fil-viċinanza tal-lukanda Metropole. Il-kunsill għandu jibgħat din it-talba lill-Awtorita` Dwar it-Trasport.

3.3 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ġibed l-attenzjoni li Triq Dun Ġennaro Camilleri qegħda tiġi magħluqa bil-*bollards*. Is-Sindku qalet li kellmet kemm il-darba lis-Superintendent Nicholas Ciappara u bagħat bil-miktub li se jieħu l-azzjoni meħtieġa.

3.4 Il-kunsillier J. Galea ssuġġerrixxa li x-Xatt kantuniera ma' Triq Bisazza ssir *sleeping policeman*. Il-kunsill kien ġie infurmat mill-Awtorita' Dwar it-Trasport li *sleeping policeman* taf tkun izjed perikoluża. Il-Kunsill ma' qabilx li għandha ssir. Il-Kunsill irrimarka li filfatt diġa hemm 'slow marking' f'dik il-kantuniera.

3.5 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis tkellem dwar it-*telephone booths* tax-Schigo fejn qal li s-sid miet. Filfatt il-kunsill ma' kompliex jieħu azzjoni, minħabba din ir-raġuni. Il-Kunsill għandu jieħu l-azzjoni bl-avukat skond kif deċiż fis-seduta preċedenti.

3.6 Il-kunsillier J. Galea ssuġġerixa li l-*bollards* li kienu twaħħlu fi Triq il-Madonna tas-Sacro Cuor qegħdin jiġu maqlugħa kemm il-darba. Il-Kunsill qabel li għandhom jerġgħu jsiru b'tali mod li jkunu aktar diffiċli biex jinqalgħu.

*Daħlet il-kunsilliera M. Aquilina fil-5.15pm*

3.7 Il-kunsillier J. Galea qal li kien iċċekkja mas-sid ta' Townsquare biex is-sit li hemm bħalissa magħluqa, tinfetaħ għall-parkeġġ fi żmien il-Milied minħabba l-problema ta' parkeġġ biex tintuża mir-residenti u mill-pubbliku li jiġu jixtru minn tas-Sliema. Il-kunsill ma' qabilx li għandu jiġi involut, minħabba li din hija *area* privata u f'dak il-każ titkellem il-GRTU f'isem il-ħwienet u tiġi nvoluta wkoll l-Awtorita` Dwar it-Trasport. Għalkemm il-Kunsill qal li din hija idea tajba minħabba l-problema ta' parkeġġ f'Tas-Sliema speċjalment fiż-żminijiet tal-Milied, il-Kunsill għamel il-fatt ċar li f'każ li l-*area* imsemmija

tinfetaħ għall-parkeġġ m'għandux ikun hemm obligazzjonijiet minn-naħa tal-Kunsill lejn is-sid, għaliex it-talba saret b'mod individwali u ma' saritx minn-naħa tal-Kunsill.

Fuq dan il-punt is-Sindku M. Arrigo ġibdet l-attenzjoni li materji bħal dawn għandhom jiġu diskussi waqt laqgħa ta' Kunsill qabel ma' xi kunsillier/a, jitkellem b'mod individwali ma' persuni involuti.

3.8 Il-kunsillier M. Briguglio fakkar dwar it-talba li kien ressaq biex triq Manwel Dimech (n-naħa li tagħti għall-Balluta) issir *one-way*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għadu ma' rċeviex risposta mill-ADT.

Il-kunsillier M. Briguglio reġa lmenta dwar l-attitudni tal-ħaddiema tal-Galaxy fejn għadhom jagħlqu t-triq minkejja t-tabelli, jaħdmu qabel is-7am kif ukoll kitbu 'No Parking' matul il-*bricks* kollha. Peress li l-Kunsill ilu jiġbed l-attenzjoni lill-kuntratturi, saħansittra ktibna bl-avukat u dawn baqgħu ma' jimxux mar-regolamenti, il-Kunsill qabel li jneħħi t-tabelli 'No Parking' li kienu twaħħlu, u ma jinħarġux permessi mil-Kunsill biex tingħalaq it-triq.

3.9 Il-kunsillier M. Briguglio ssuġġerixxa fit-tarf ta' Triq Borg Olivier biex issir *sleeping policeman* minħabba t-traffiku li jkun hemm speċjalment anke li jkun tfal qegħdin jistennew għall-iskola. Il-Kunsill kien diġa għamel talba simili li kienet ġiet irriffjutata. Il-Kunsill qabel li almenu għandha titwaħħal mera fi Triq Windsor (kantuniera ma' Triq Borg Olivier, quddiem *Dinmore Court*).

3.10 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa dwar it-*tea room* li kienet diġa ġiet diskussa, filfatt is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet se tkun mal-korrispondenza. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li f'seduta tal-Kunsill kien diġa ġie deċiż li l-applikazzjoni għandha tibqa għal *tea room* u mhux għall-ebda tip ta' permess ieħor. Il-kunsillier M. Briguglio spjega li skond il-kategorja li taqa taħt il-*class 6* jistgħu jiġu applikati affarijiet oħra bħal bar etc., u li din tmur kontra l-iżvilupp ta' *North Harbour Plan*. Is-Sindku żiedet li kemm il-darba *class 6* tmur kontra l-policies tal-MEPA, il-Kunsill għandu joqgħod attent biex ma jsirx preċedenti. Minkejja li l-Kunsill baqa jaqbel li sakemm kienet se tibqa *tearoom* ma kienitx se tkun problema, kellu jieħu deċiżjoni la darba din taqa taħt l-istess kategorija u li awtomatikament jista jkun hemm *change of use* għal *bar/restaurant*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien attenda wkoll għal laqgħa tad-DCC tal-MEPA dwar din l-applikazzjoni dak in-nhar stess. Il-Kunsill ivvota kif ġej.

Il-kunsillier M. Briguglio ippropona li l-Kunsill joġġezzjona għall *class 6* biex iżomm ma' l-iżvilupp ta' *North Harbour Plan*. Ġie ssekondat mill-kunsilliera M. Aquilina. Il-votazzjoni kienet 7 favur u 1 kontra.

Il-proposta għaddiet.

3.11 Il-kunsillier J. Galea ssuġġerixxa biex il-Kunsill ta' Tas-Sliema jintroduċi sistema (kif qiegħed jagħmel il-Kunsill ta' Belt) ta' *Dial-IT Call Centre* fejn din tkun 24 siegħa kuljum fejn il-messaġġi jiġu mogħdija l-uffiċċju fil-ħinijiet tax-xogħol. Il-Kunsill ma' qabilx dwar dan minħabba li b'hekk il-Kunsill ikun qiegħed jitlef il-kuntatt dirett mar-residenti.

3.12 Il-kunsillier J. Galea informa lill-kunsilliera preżenti bl-istatistika ta' kemm qegħda tintuża l-*website* tal-Kunsill, li kienet waħda tajba. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kif b'inqas flus il-*website* tagħna ġiet modifikata, minħabba l-istima li konna tlabna biex tiġi *revamped* kienet waħda għolja.

3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-sejħa pubblika għall-offerti ta' *soft areas* tagħlaq il-Ħamis 6 ta' Diċembru, 2007 f'nofs in-nhar għal min irid ikun preżenti. Il-Kunsill qabel li għandu jinħoloq il-bord biex jiġu diskussi t-tenders. Il-bord se jkun magħmul mis-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Azzopardi, M. Briguglio u N. Dimech.

3.14 Il-Kunsill qabel li l-ikla tal-Milied ssir fit-18 ta' Diċembru, 2007. Fuq dan il-punt il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsill se jkun magħluq fl-24 ta' Diċembru, 2007 u fil-31 ta' Diċembru mill-*leave* ta' l-istaff stess.

3.15 Ġie mfakkar li l-Kunsill kien żamm iċ-ċekk ta' Soċjeta Banda San Girgor. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata issa li provdew il-*poster*.

3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss se ssir fil-5 ta' Diċembru, 2007 minħabba żmien il-Milied b'hekk mhux se jkun hemm ċans jintbagħtu *draft minutes* minn qabel.

3.17 Il-kunsillier M. Azzopardi infurmat li hemm problema bl-insett il-bumanqar l-aħmar fejn qiegħed jikkawża ħsarat lill-palm. Infurmat ukoll li wħud mill-palm ta' Tas-Sliema diġa ġew affetwati. Is-Segretarju Eżekuttiv kien diġa informa lill-*Environmental Landscapes Consortium* b'din il-problema. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nitolbu lill-Ministeru għall-Ambjent għall-għajnuna għal din il-problema. Il-kunsilliera M. Azzopardi għandha tiċċekkja x'għajnuna jistgħu joffru wkoll il-*pest control*.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat mis-seduta 6.05pm*

3.18 Il-kunsilliera M. Azzopardi qalet li l-għassa ta' Tas-Sliema għadhom ma rranġawx il-faċċata minkejja li kienet ġibditilhom l-attenzjoni. Il-kunsilliera M. Azzopardi żiedet li kienet staqsiet anke lill-posta biex isirilha x-xogħol meħtieġ fuq ġewwa.

*Il-kunsillier L. Vella ġie skużat mis-seduta 6.10pm*

3.19 Il-kunsilliera M. Azzopardi tkellmet dwar il-problema ta' l-istudenti ta' l-*English Language Schools*, fejn qegħdin jikkawżaw ħmieġ, storbju u inkonvenjenzi oħra speċjalment fis-Sajf. Il-Kunsill għandu jikteb lill-*Malta Tourism Authority* biex jinfurmawna bir-regolamenti ġodda, li qegħdin jitħejjew.

*Il-kunsillier L. Vella daħal fis-6.15pm*

3.20 Il-kunsilliera M. Aquilina infurmat lill-Kunsill li fi Triq Depiro n-naħa ta' l-iskola ta' San Dorotej qiegħed ikun hemm inkonvenjenza tat-traffiku speċjalment is-Sibt filgħodu minħabba d-duttrina. Il-kunsill għandu jinforma l-iskola sabiex ikollhom gwardjan lokali jew tip ta' sigurta' oħra.

3.21 Il-kunsilliera M. Aquilina ssuġġeriet li għandha ssir *sleeping policeman* quddiem 31 Triq San Neriku, Sliema. Il-Kunsill għandu jiċċekkja ma' l-ADT.

*Il-kunsillier N Dimech daħal lura fis-seduta fis-6.16pm*

3.22 Il-Kunsill għandu jiċċekkja dwar ir-*reserved parking* li hemm fi Triq Norfolk, fejn jibgħat rapport lill-ADT sabiex il-każ jiġi rivedut.

3.23 Is-Segretarju Eżekuttiv informa u wera l-pjanta ta' l-applikazzjoni numru 5324/07 għal *road improvement and promenade widening and installation of bus shelter and sign* fejn il-Kunsill lokali kien diġa bagħat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' l-ADT dwar *Sliema Transport Action Plan* nhar it-13 ta' Novembru, 2007. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Sutton ġibed l-attenzjoni li qiegħed isir ħafna għajdut fil-media minkejja li dan il-proġett għadu qiegħed jiġi diskuss. Qal ukoll li s-Sur Sutton jixtieq li jiġu identifikati l-*istake holders* biex l-ADT flimkien mal-Kunsill jiltaqgħu magħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll x'intqal fil-laqgħa li kien hemm fit-13 ta' Novembru, (qabel il-laqgħa ma' l-ADT) fejn il-Kunsill iltaqa' mar-rappreżentanti tal-GRTU u *Qui-Si-Sana and Tigne' Residents Association.*

Il-kunsillier L. Vella ssuġġerixxa li għandha nistiednu wkoll lir-residenti ta' Qui-Si-Sana, Tigne', Triq it-Torri, ix-Xatt u Bisazza u kull min huwa interessat li meta ssir laqgħa pubblika jattendi, l-Kunsill jinfurmah. Fejn wara niltaqgħu ma' l-ADT bis-suġġerimenti u wħud mir-rappreżentanti. Il-Kunsill qabel ma' dan u għandu jagħmel avviż fil-magazin li jmiss.

*Il-kunsilliera M. Azzopardi ġiet skużata mis-seduta fis-6.40pm.*

*Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6.45pm.*

3.24 Ittra mis-Sur Joe Morana rigward it-traffiku qawwi fi Triq Rudolfu u l-konsegwenzi li jistgħu jġibu, minħabba l-fatt li l-Kunsill għamel suġġerimenti oħra minn dawk ta' l-ADT dwar l-immaniġjar tat-traffiku. Il-Kunsill għandu jitlob lis-Sur Morana jagħmel is-suġġerimenti tiegħu għall-alternattivi oħra minn fejn jgħaddi t-traffiku.

3.25 Talba għall-għajnuna biex isir kunċert nhar l-14 ta' Diċembru mil-Komunita' Karmelitana Parroċċa Madonna tal-Karmnu Balluta.

Fuq dan il-punt issemmiet talba oħra minn *Marie Therese Vassallo Voice Studio* għall-għajnuna finanzjarja għall-kunċert li se jittella` fit-23 ta' Diċembru, 2007 fil-Knisja ta' San Girgor. Għaż-żewġ talbiet il-Kunsill ma' qabilx minħabba li kien diġa ta' sehmu permezz ta' Lm500, fejn il-baned/parroċċi kellhom iċ-ċans li jutilizzaw il-flus għall-attivitajiet kulturali li jagħżlu huma stess.

3.26 Talba mis-Sur T. Portughese f'isem il-Banda Sliema sabiex jippubblikaw informazzjoni fil-magazin tal-Kunsill dwar l-attivita' kulturali li kellhom. Il-Kunsill ma' qabilx minħabba l-pika li hemm bejn il-baned tal-parroċċi. Il-Kunsill għamel *policy* li jaċċetta biss dawk ta' l-attivitajiet okkażżjonali bħal ċentinarju eċċ.

3.27 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega irrefera għal applikazzjoni li kienet saret fejn il-MEPA talbet għall-kummenti tal-Kunsill dwar *ticket booths* li hemm fix-Xatt ta' Tas-Sliema. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm każ il-Qorti, minħabba l-ġlied li inħoloq bejniethom u l-Kunsill kien irċieva diversi ittri legali miż-żewġ naħat. Il-pulizija kienu solvew il-problema b'mod temporanju billi tawhom *ticketing booth* kull wieħed pero l-problema għada pendenti għaliex ma jistgħux joqgħdu fejn xulxin. Il-Kunsill għandu jirreferi dan il-każ lill-avukat tal-Kunsill Dr Ivan Gatt.

3.28 Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-laqgħa li saret il-MEPA dwar EPS ta' *Fort Cambridge* fejn kienu ntbagħtu l-minuti meħuda mill-MEPA lill-kunsilliera kollha bl-email.

3.29 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-laqgħa ta' 2 ta' Ottubru ma' l-Onor. Pullicino rigward il-*bring in sites*. Waqt din il-laqgħa kien hemm xi suġġerimenti dwar il-BIS tax-Xatt li diġa hemm iżda biex isiru *underground* kif ukoll biex isiru Fond Għadir u Triq it-Torri taħt il-Karmelitani. L-Onorevoli Pullicino waqt il-laqgħa, qal li kien kellem il-Karmelitani dwar il-possibbilta` ta' BIS *underground*. Il-Kunsill qal li tax-Xatt għandhom jibqgħu kif inhuma bħalissa. Rigward dik ta' Fond Għadir il-Kunsill ma' qabilx minħabba li hemm il-possibbilta` li jerġa jkun hemm rispons negattiv kif kien ġara meta kienet se ssir *underground* fi Triq Blanche Huber (fejn l-iskola). Il-Kunsill qabel li l-Ministeru għandu jipproċedi bl-*underground* BIS ħdejn dik ta' taħt il-karmelitani la darba l-Onorevoli diġa kellimom dwar din il-possibbilta`.

3.30 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għar-rapport imħejji *Sliema Coastal*. Is-Sindku M. Arrigo rrimarkat li dan l-istess rapport qabel ma' ġie mressaq f'din l-istess seduta għadda f'idejn il-kunsilliera kollha permezz ta' email. Qalet ukoll li l-problema dwar dan kienet għaliex l-informazzjoni li ngħatat lill-media, fejn ħareġ rapport allarmanti, għaddieha xi ħadd mill-membri, li dan imur kontra r-regolamenti għaliex r-rapport ma kienx għadu wieħed uffiċjali. Il-Kunsill għandu jiċċekkja ma' l-avukat jekk jistax jinvestiga minn ħareġ dan id-dokument mingħajr ebda awtorita`. Minn-naħa l-oħra l-Kunsill għandu jibgħat r-risposta dwar l-artiklu li deher fil-*Malta Today*, jekk hemm bżonn jiġi rreferut lill-avukat jew xi ħadd involut fil-media, fejn jgħid li dan ma kienx rapport uffiċċjali u li għalkemm is-sitwazzjoni mhijiex daqshekk alarmanti, il-Kunsill mill-ewwel ħa jieħu l-passi meħtieġa fejn se jressaq dan ir-rapport li sar lill-ADT, lill-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura lill-MEPA u l-awtoritajiet oħra konċernati.

3.31 Il-kunsillier J. Galea tkellem dwar il-problema tax-Xelter li jinsab f'Dingli Circus.

*Il-laqgħa ġiet sospiża u tkellem is-Sur Edward Said dwar ir-restawrazzjoni ta' dan ix-Xelter. Li din hemm spiża ta' madwar Lm 5000. Is-Sur Said ġibed l-attenzjoni li l-Lukanda Metropole tista titfa 'full development application', fejn issuġġerixxa lill-Kunsill li jistenna u jistaqsi lill-MEPA jew l-iżviluppatur dwar il-'planning gains' sabiex inkopru l-ispiża.*

Il-Kunsill iddeċieda li għandu jistenna li toħroġ din l-applikazzjoni u jipprova jkopri dawn l-ispejjeż bil-*planning gains.*

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat mis-seduta 7.25pm*

3.32 Petizzjoni mir-residenti ta' 'Imperial', 'Depiro' u 'Nazzareno' Apts fi triq Nazzareno fejn qegħdin jilmentaw li għandhom spazzju limitat sabiex jidħlu u joħorġu mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li l-linji għandhom jibqgħu kif inhuma, hemm diversi garaxxijiet oħra li għandhom dan it-tip ta' spazju f'toroq oħra f'Tas-Sliema, wieħed irid jikkopera naqra billi jimmanuvra naqra iżjed, inkella se nitilfu aktar parkeġġ jekk intawlu l-linji tal-garaxxijiet.

3.33 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tliet stimi dwar il-ktieb biex jiġi ppubblikat fl-għeluq il-100 sena, tas-Sliema Wanderes F.C.

Is-Sindku M. Arrigo talbet li tibqa barra minn kull deċiżjoni minħabba li r-raġel tagħha huwa l-president ta' l-istess klabb.

*Il-kunsillier N. Dimech daħal lura mis-seduta 7.45pm*

L-istima li ġew ippreżentati huma ta': Bonavia *Offset Printers, Richard's Press* u *Salesian Press.* Il-kunsillier L. Vella qabel li l-Kunsill għandu jġib stima mill-Veritas Press ukoll li jagħmlu l-*printing* tal-magazine tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan. Minn naħa l-oħra l-Kunsill għandu jiċċekkja mad-Dipartiment kif ukoll ma' l-avukat dwar il-proċedura biex jiġi stampat dan il-ktieb. Il-Kunsill għandu jiċċekkja wkoll jekk jistgħux jintalbu donazzjonijiet (mingħajr kundizzjonijiet). Il-Kunsill qabel ukoll li f'kas li dan ma jkunx jista jinbiegħ, importanti li fil-ktieb niktbu 'Not for Sale'.

3.34 Ittra minn *Care Malta* għal *Nazzareno Vassallo Award for Initiatives for the Elderly.* Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jinnomina lis-Sur Fenech Conti.

3.35 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-kont tal-Perit tal-Kunsill fejn iċċarġja tal-laqgħa li kien mar lill-MEPA kif ukoll tar-rapport qasir li kien għamel dwar l-istess laqgħa fuq *Fort Cambridge.* Il-Kunsill qiegħed jara li l-perit mhux qiegħed ikun prattiku u raġonevolu fil-ħlasijiet tiegħu għaliex din mhiex l-ewwel darba. Il-Kunsill qabel li għandhom jinqatgħu Lm15+VAT minn dan il-kont imsemmi.

3.36 Talba mill-Istrina għall-għajnuna finanzjarja. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-istess ammont bħas-sena l-oħra.

3.37 Talba mis-*Sliema Day Centre* għall-għajnuna finanzjarja ta' Lm100 għall-festin tal-Milied. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.38 Is-Segretarju Eżekuttiv bħala editur tal-magazine ħass li kellu jiġbed l-attenzjoni tal-kunsilliera preżenti dwar żewġ artikli, partikolari minn żewġ partiti differenti minħabba li kien fihom kontenut politiku. Il-kunsilliera L. Vella u J. Galea qalu li l-magazine tal-Kunsill m'għandux isir wieħed politiku wisq anqas b'kontenut libelluż, u b'hekk il-Kunsill għandu jagħmel ċertu *policies* għal magazine.

Il-Kunsilliera preżenti unanimanent qablu li kull artiklu li l-editur jidhirlu li huwa libelluż għandu jigi riferut lill-avukat tal-Kunsill Dr Ivan Gatt, fejn il-Kunsill għandu jibqa fuq il-parir mill-avukat tal-Kunsill, liema parir ikun finali.

Minn-naħa l-oħra l-Kunsill ma setax joħloq *policy* dwar il-kontenut politiku għaliex se jkun wieħed diffiċli sa fejn wieħed irid jasal u minħabba l-fatt li tista tkun ħaġa ta' interpretazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-pożizzjoni ta' Editur mhiex waħda faċli speċjalment f'dawn iż-żminijiet ta' l-elezzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minkejja li mhiex il-kompetenza ta' Segretarju Eżekuttiv li jokkupa din il-kariga huwa kien aċċetta xorta waħda sabiex jibqa jinħareġ il-magazin iżda kien qiegħed jiġi f'sitwazzjoni diffiċli minħabba ċertu artikli li kienu qegħdin jinkitbu. Il-kunsillier L. Vella sostna li l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni dwar din il-ħarġa li jmiss u anke biex is-Segretarju Eżekuttiv ma' jiġix f'pożizzjoni diffiċli. Il-Kunsill għandu jiċċekja ma' l-avukat tal-Kunsill dwar il-possibilta' li f'din il-ħarġa ma jiġux pubblikati artikli individwali tal-kunsilliera.

3.39 Korrispondenza minn *St Francis School* dwar ġemmellaġġ mal-Kunsill ta' Ancona. Il-Kunsill qal li se jipprova jagħmel xi ħaġa minkejja l-fatt li hemm żmien limitat u ġemellaġġ normalment ma jsirx mill-llum għall-għada.

3.40 Talba mill-istudenti tal-mediċina għall-permess għall-mixja li se ssir fl-1 ta' Diċembru bejn is-7pm u t-8pm li hija l-ġurnata tal-*Worlds Aids*. Il-mixja tibda minn fejn il-Ġnien Indipendenza. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita`.

3.41 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dwar it-tiżjin tal-Milied fejn se jiġi nawgurat nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru, 2007 fis-6pm fi Triq Bisazza. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jkun preżenti wkoll il-Ministru Żammit Dimech minħabba d-donazzjoni li se tingħata mill-MTA u l-Ministeru għat-Turiżmu lill-kunsill għat-tiżjin ta' Lm1000. Il-Kunsill qabel li fil-magazin għandhom jidhru l-ismijiet ta' dawk kollha li taw id-donazzjonijiet tagħhom inkluż l-ħwienet li kontribwixxew.

**MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

Ma kienx hemm iżjed mistoqsijiet mill-kunsilliera.

**5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

Dawn il-pagamenti għandhom jiġu mressqa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, minħabba li l-laqgħa ġiet aġġornata.

**6. AFFARIJIET OĦRA**

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal-5 ta' Diċembru, 2007 fl-4.30pm.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**